# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA, LL.D

Seduta ta' nhar l-Gimgha 15 ta' Ottubru 2021

**Rikors nru: 111/21 AGV**

**ABC**

**Vs**

**DC**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-attur datat 15 ta' Marzu elfejn u wiehed u ghoxrin fejn esponiet bir-rispett u ssottometiet dan li gej bil-gurament:-

Illi l-partijiet kienu zzewwgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992) skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. A';

Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin minn Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u ilhom legalment separati mil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-

sena elfejn u tmintax (2018) permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Tonio Cauchi, kif jirrizultaw mill-kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. B';

Illi minn tali zwieg kellhom zewg (2) ulied, illum magorrenni; u cioe' E li ghandha 'l fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena u F li ghandha tmintax-il sena u qedha tistudja fuq bazi full-time;

Illi stante li t-tifla F qed tghix mal-Omm, manteniment qieghed jithallas mill-Missier lill-omm; … illi nonostante l-kuntratt ta' seperazzjoni li jistipola f'klawzola numru disgha (9) li l-intimat ghandu jhallas mitejn u hamsin euro (EUR 250) bhala manteniment ghal F, stante li l-manteniment ghat-tifla l-kbira waqaf, huwa qieghed ihallas l-ammont ta' mitejn ewro (EUR 200) kull xahar biss;

Illi dunque, nonostante li l-intimat mhux qed jonera l-obbligu tieghu ta' manteniment versu t-tifla F *in toto*, tali talba ghall-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ghandu jkun minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi procedure ohra, inkluz dawk civili, ghall-hlas ta' manteniment dovut versu t-tifla F;

Illi fic-cirkostanzi prevalenti m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom de facto separate ghal dawn l-ahhar erba' snin u nofs u legalment separate ghal dawn l-ahhar tlett snin cirka u kull parti qed ssegwi hajja totalment separate u indipendenti minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lill-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' G;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fit-terminu moghti minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

**Rat ukoll ir-risposta** tal-intimat datata 12 ta' Ottubru elfejn u wiehed u ghoxrin fejn esponiet bir-rispett u ssottomettiet dan li gej bil-gurament:-

1. L-esponenti gie notifikat bir-rikors odjern fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru elfejn u wiehed u ghoxrin (2021).
2. Il-partijiet izzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2) ulied; EC, li llum hija maggorenni, u FC li ghadha studenta *full-time* u ghandha tmintax (18)-il sena.
3. L-esponenti jaqbel mal-fatt illi l-kontendenti ilhom jghixu separati minn xulxin minn Lulju tas-sena elfejn u sitta (2016) u illi sussegwentement huwa nfirdu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018).
4. Fl-ewwel lok, l-esponenti jixtieq jirrileva illi huwa m'ghandu l-ebda oggezzjoni illi din l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divrozju bejn il-partijiet u dan stante l-fatt illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Fit-tieni lok, in vista ta' dak espost mill-attrici fir-rikors in kwistjoni, l-istess attrici qieghda tinsinwa illi "l-intimat mhux qed jonera l-obbligu tieghu ta' manteniment versu t-tifla F *in toto*."
6. Ir-rikorrenti jixtieq jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ghall-kondizzjonijiet mehtiega sabiex jinkiseb id-divorzju stabbiliti f'artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza specifika ghal sub-artikolu (d) illi jistipula illi *"l-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircieva manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkostanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-artikolu 57."*
7. Permezz tar-rikors taghha, l-attrici qieghda taghti x'tifhem illi hi ghandha xi pretensjonijiet relatatti ma' manteniment tant illi sahqet li "*tali talba ghall-hall taz-zwieg bejn il-Partijiet ghandu jkun minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi proceduri ohra, inkluz dawk civili, ghall-hlas ta' manteniment dovut versu t-tifla Tammy."*
8. Umilment, l-esponenti jissottometti illi sabiex it-talbiet tal-attrici jirnexxu u din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tghaddi sabiex tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti, l-istess attrici jehtieg illi taghmel dikjarazzjoni illi ma jezistu ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet. Huwa hekk biss illi l-kondizzjonijiet enuncjati fl-artikolu 66B tal-Kap. 16 jistghu ikunu sodisfatti.
9. Fit-tielet lok, l-esponenti m'ghandu jigi kkundannat ihallas ebda spejjez gudizzjarji in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.
10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jopponi ghat-talbiet tal-atrici sakemm ma ssirx id-dikjarazzjoni oppozita mill-istess attrici illi permezz taghha hija tiddikjara illi m'ghandha l-ebda pretensjonijiet konra l-esponenti rigward il-hlas ta' manteniment u arretrati tal-istess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi r-rikorrenti qed titlob li tinghata d-divorzju a bazi tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-intimat, ghalkemm f'nifs wiehed jghid li m'ghandux oggezzjoni ghall-ghoti tad-divorzju, ikompli jghid li dan ma jistax jinghata peress illi jista' jkun hemm dovuti minnu xi arretrati ta' manteniment. Ghalhekk l-intimat donnu qed jammetti li ghandu jhallas lir-rikorrenti, izda jrid jiehu vantagg minn dawn il-proceduri billi jistieden lir-rikorrenti taghmel dikjarazzjoni f'dawn il-proceduri, li huma semplicement dikjarazzjoni ta' divorzju. Harsa fuq fuq lejn il-fatti tal-kaz juru li l-intimat ghandu jhallas manteniment versu wahda mill-ulied li, ghalkemm maggorenni, ghadha qed tistudja. B'mod stultifikat ghall-ahhar, huwa qed jippretendi li r-rikorrenti tiddikjara li m'hemmx manteniment b'lura x'jithallas minnu biex jinghata d-divorzju, li l-Qorti qed tifhimha bhala forma ta' negozjata pulita dwar dejn civili.

Illi, bid-dovut rispett, dan huwa sovverzjoni tal-ispirtu tal-ligi dwar l-ghoti tad-divorzju. Meta l-ligi tat ir-rekwiziti li bihom il-Qorti tista' tippronunzja l-hall taz-zwieg, dak ghamlitu biex tissalvagwardja l-interessi tal-partijiet u ta' uliedhom. Ghalhekk, meta l-intimat jiddikjara li hu m'ghandux oggezzjoni ghad-divorzju peress illi l-partijiet ilhom mifrudin minn xulxin u ma hemm l-ebda prospett ghal rikonciljazzjoni, izda fl-istess waqt jippretendi li r-rikorrenti tiddikjara li hi m'ghandha ebda pretensjoni fil-konfront tieghu dwar arretrati ta' manteniment, qed ipoggi l-argument tieghu rasu 'l isfel u jipprova jirkeb il-karru tal-

konvenjenza u tal-opportunizmu legali, haga li din il-Qorti zgur mhix sejra tippermetti. L-intimat m'ghandux jinsa li l-manteniment huwa dovut b'ordni tal-Qorti, kif maqbul bejn il-partijiet b'kuntratt, u ghalhekk huwa jibqa' dovut bhala dejn civili bis-sahha tal-istess kuntratt. Ladarba l-intimat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghall-ghoti tad-divorzju fit-twegiba tieghu ghar-rikors, kull konsiderazzjoni ohra hija superfluwa ghal dawn il-proceduri.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' G;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem (10), javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella** **Deputat Registratur**